MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Numru. 73/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Mary Xiberras**

Numru 73/2013

Illum 2 ta' Lulju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Mary Xiberras**, ta' sebgha u hamsin (57) sena, bint Joseph u Rose neé

Mercieca, imwielda ir-Rabat, Ghawdex, nhar it-30 ta' Awwissu 1955 u residenti fil-fond Salmar, Triq il-Gnejna, Xaghra, Ghawdex u detentrici tal-Karta tal-Identita bin-Numru 52855(G) akkuzata talli fis-17 ta' Lulju 2013 u fix-xhur ta' qabel gewwa Triq il-Gnejna, fix-Xaghra, Ghawdex u gewwa diversi postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. gabet ruha b'mod li tat fastidju lill-persuna Dr. Angele Formosa LL.D. b'mod li kienet taf jew messha kienet taf li kienet ta' fastidju għall-imsemmija persuna;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurjat jew heddet lil Dr. Angele Formosa LL.D.;

3. fl-istess, data, hin, lok u cirkustanzi mingħajr ma darbet jew sawtet qabdet armi (sikkina) kontra l-persuna ta' Dr. Angele Formosa LL.D.;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kkagunat lil ħaddieħor u cioé lil Dr. Angele Formosa LL.D. biza' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha;

5. fl-istess data hin, lok u cirkustanzi volontarjament kisret il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi garret 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellha liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi permezz ta' *network* jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika heddet lil Dr. Angele Formosa LL.D. li se taghmel reat u ghamlet uzu mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artiklu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni taghha u l-fedina penali taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara rat Artikoli 18, 251(A)(1), 251B, 338(dd), 339(1)(b), u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Mary Xiberras hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputata sabiex sa zmien xahar millum ihallas is-somma ta' mija u hamsa u sittin Euro (€ 165.00) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' espert f'dan il-kaz (*a fol.* 30 *tergo*).

Finalment,b’applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tqieghed lill-hatja taht Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Dr. Angelle Formosa u l-familjari taghha ghall-perijodu ta’ tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------